# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April, 2019.**

**Numru 9**

**Citazzjoni numru 319/70LFS**

**Ignazio Gatt għad-ditta *Joseph Gatt* u b'digriet tal-24 ta' Settembru, 1992, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Speranza armla minn Ignatius Gatt, Joseph, Carmel, Miriam xebba, Philip, Paul, Alexandra xebba, u William ilkoll aħwa Gatt, stante l-mewt ta' Ignatius Gatt fil-mori tal-kawża**

**vs**

**Żakkarija Calleja**

## Il-Qorti:

1. Dan huwa appell imressaq mill-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Novembru, 2013, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek u ikkundannatu jħallas lill-atturi s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf disa'

mija u tletin euro u disgħa u erbgħin ċenteżmi (€ 24,930.49), bl-imgħaxijiet jibdew jgħaddu minn dakinhar tas-sentenza u bl-ispejjeż kontra l-istess imħarrek;

2. Fl-att promotur, l-attur *nomine* kien talab li l-imħarrek jgħid għalfejn m'għandux ikun ikkundannat mill-Qorti (tal-Kummerċ) iħallsu s-somma ta' tnax-il elf mija u disgħa u sittin lira u sittax-il xelin (£ 12,169.16.0) bħala prezz ta' rappreżentanti l-prezz ta' ġwież u '*concentrate*' minnu ordnat u lilu konsenjat bejn Frar 1969 u Frar 1970, flimkien mal-imgħax kummerċjali mid-data tal-konsenja u bl-ispejjeż, magħduda dawk tal-ittra uffiċjali tat-2 ta' Mejju, 1970;

3. L-imħarrek appellat laqa' għal dik l-azzjoni billi[1], b'mod preliminari, qal li ċ-Ċitazzjoni ma kinitx tiswa għaliex id-Ditta *Joseph Gatt* ma kellhiex *locus standi*. Filwaqt li, fil-mertu, laqa' billi qal li l-'*concentrate*' fornit mill-attur ma kienx fih il-proteini skond l-ispeċfikazzjonijiet u minħabba f'hekk ġarrab danni enormi ta' 'l fuq minn għoxrin elf lira (£ 20,000) fil-flieles u fil-majjali li kien irabbi u għalhekk kien hu li kellu jieħu mingħand l-attur u mhux bil-kontra. Ftit tax-xhur wara, l-appellat ressaq eċċezzjoni ulterjuri[2] li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li ladarba l-ġwież u l-'*concentrate*' minnu ordnat lill-attur ma kienx jaqbel mal-ordni u lanqas mal-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fit-tikketta tal-ixkejjer tal-

[1] Nota tal-Eċċezzjonijiet f'paġ. 6 tal-proċess
[2] Paġ. 33 tal-proċess

attur, ma kellu xejn x'iħallas lill-attur, indipendentement minn kwalunkwe pretensjoni ta' danni li l-istess eċċipjenti kien ġarrab;

4. Dik il-Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li ikkunsidrat hekk:

> "*Rat li fil-25 ta' Marzu, 1985 gew nominati bhala periti addizzjonali Dr. Lawrence Caruana, Anthony Serracino Inglott, l-ispizjar Maurice Zarb Adami u Dr. Richard Galea Debono. Illi r-rapport taghhom mhux fil-process a fol 163 fejn suppost qieghed izda hemm fotokopja annessa mar-rapport tal-Perit Legali Dr. Vincent Galea.*
>
> *"Illi a fol 255 jirrizulta li Dr. Joseph Galea Debono li kien nominat bhala Perit Legali kien gie elevat ghall-Gudikatura fil-15 ta' Janar, 2002 u ghalhekk ma setax ikompli l-inkarigu u gie nominat Dr. Anthony Ellul in sostituzzjoni tieghu.*
>
> *"Illi fit-13 ta' April, 2005 a fol 270 jirrizulta li Dr. Vincent Galea gie nominat Perit Legali in sostituzzjoni ta' Dr. Anthony Ellul, illum Imhallef.*
>
> *"Rat ir-rapport[3] tal-Professur Anthony Jaccarini li fih semma:*
>
>> *"L-esponent wara li kkonsidra x-xhieda kollha kif ukoll id-dokumenti li gew esebiti seta' (1) jikkonkludi li kien hemm provi bizzejjed biex juru li l-"concentrate" ta' l-ghalf fornit lill-attur mill-konvenut kien ta' kwantita` differenti minn dik ordnata mill-attur u ta' dik indikata fuq l-ixkejjer ta' dan il-"concentrate" u (2) jistabilixxi li l-kawza tal-mewt ta' l-annimali kien wisq probabbli dovuta ghal xi infezzjoni u li din l-istess marda setghet tikkaguna n-nuqqas fil-produzzjoni tal-bajd tat-tigieg.*
>>
>> *"Il-provi ghal ta' l-ewwel huma:*
>>
>> *"(i) id-dokumenti A, B u C (Cit. Nru. 319/70) li juri car li kien hemm nuqqas ta' proteini jigifieri 43.8%, 39%, 39.25% kontra 48% li kien indikat fuq l-ixkejjer (Dokument A – Cit. Nru. 994/71);*
>>
>> *"(ii) l-ammissjoni tal-konvenut rigward in-nuqqas ta' "fishmeat" li seta' gab dan in-nuqqas ta' proteini (seduta ta' l-4 ta' Mejju, 1976);*

[3] Dan ir-rapport jinsab fl-atti tal-kawża fl-ismijiet inversi Ċitazz. Nru. 994/71 f'paġġ. 97 sa 104 tal-proċess

*“(iii) ix-xhieda ta’ John Buttigieg dwar il-kulur bajdani tal-“concentrate” mentri solitament dan kien ikun ta’ kulur iswed (seduta ta’ l-4 ta’ Lulju, 1975);*

*“(iv) ix-xhieda ta’ Joseph Falzon li sema’ lill-konvenut jghid lill-attur li “il-gwiez mhux hazin izda mhux komplut” (seduta ta’ 27 ta’ April, 1976).*

*“Hija wkoll l-opinjoni ta’ l-esponent li ghalkemm il-“concentrate” kellu dan in-nuqqas ta’ proteini u l-valur nutritiv seta ghalhekk naqas, il-“concentrate” ma kienx jista’ jigi kkunsidrat, f’sens assolut, bhala hazin.*

*“Ghal dik li hi kawza tal-mewt ta’ l-annimali kif ukoll in-nuqqas tal-produzzjoni tal-bajd tat-tigieg, ix-xhieda tat-Tabib Veterinarju Frank Cassar turi bic-car li l-annimali kienu qed isofru b’xi mard infettiv li seta kien dovut ghal mikrobi bhala ma huma E. Coli u S. Typhi. Dan gie stabbilit minn Dr. Cassar innifsu f’diversi okkazzjonijiet.*

*“Wara dawn il-konsiderazzjonijiet l-esponent skond l-inkarigu moghti lilu ra bir-reqqa x’relazzjoni setghet kienet tezisti bejn in-nuqqas ta’ proteini fil-gwiez u l-infezzjoni msemmija. Minghajr dubbju, in-nuqqas ta’ proteini fil-ghalf mhux, per se, il-kawza ta’ infezzjoni li din kif diga giet maghmula referenza aktar ’il fuq huwa dovut ghall-mikroorganizmi bhal ma huma l-mikrobi. Huwa maghruf li f’kwalunkwe popolazzjoni ta’ organismi hajjin bhal ma huma l-bnedmin u l-annimali jkun hemm percentwali indeterminata ta’ individwi li ghal diversi raguni bhal ma huma l-estremitajiet ta’ l-eta`, il-kliema, is-sess, it-tqala, nuqqas ta’ ikel li jsostni u ohrajn, li jkunu aktar suxxetibbli minn ohrajn ghal mard u partikolarment il-mard infettiv. Ghalhekk wiehed jista’ jikkonkludi, a priori, li “passa” specjalment meta l-annimali jkunu qed jigu mrobbija b’mod intensiv kif hi l-usanza moderna (u kif jidhru mix-xhieda l-“Victory Farm” ta’ l-attur tista’ tigi kkunsidrata bhala wahda moderna) ghandha ggib maghha certu numru ta’ mwiet. Minn dan jidher li n-nuqqas ta’ proteini fil-gwiez ma setax b’mod assolut igib il-mewt ta’ numru ta’ annimali hekk f’daqqa izda minghajr dubju kkontribwixxa ghall-mewt ta’ l-annimali billi zied is-suxxettibilita` ta’ l-annimali ghall-infezzjoni.*

*“Fl-opinjoni ta’ l-esponent dan il-kontribut ma jistax gustifikament jeccedi bhala medja aktar mill-10 per cent.*

*“Ghal dik li hi likwidazzjoni ta’ danni peress li l-esponent huwa bniedem xjenzat u ma hux bniedem legali u in vista tal-fatt li hemm kawza pendenti bl-ismijiet inversi dwar*

*debitu dovut ghall-prezz ta' l-istess gwiez bir-rispett ihalli lil Qorti sabiex tesprimi skond il-principji legali l-mod li bih dan il-fattur ta' mhux aktar minn 10 per cent ghandu jigi kkunsidrat min-naha l-wahda ghal-likwidazzjoni ta' danni sofferti mill-attur u min-naha l-ohra ghad-debitu pretiz ghall-prezz tal-gwiez mill-konvenut. Fl-ahharnett huwa opportun li wiehed jinnota li mhux gustifikat li wiehed jikkonkludi li dawk il-konsenji li fuqhom ma saritilhomx l-analisi kienu necessarjament nieqsa wkoll mill-proteini."*

*"Rat ir-rapport ta' Dr. Lawrence Caruana, Anthony Serracino Inglott, Maurice Zarb Adami u Dr. Richard Galea Debono[4] li fih semmew li huma fehmu li l-attur jixtieqhom li jesplikaw l-inkarigu taghhom ta' revizjoni fir-rigward ta' dak li rrelata l-Professur Jaccarini specjalment hemmx nexus bejn l-inadempjenza kontrattwali (li l-koncentrat kien nieqes mill-proteini) u l-hsara reklamata. Fir-rapport semmew:*

*"Fir-rigward tan-nexus li jrid ikun hemm bejn in-nuqqas ta' proteini li nstab fil-gwiez u t-telf li sofra l-attur f'majjali u flieles, il-Profs. Jaccarini qabel pjenament ma' dak li xehed il-veterinarju Tabib Frank Cassar, u cioe` certament id-dieta dghajfa tista' facilment tirrendi kwalunkwe haga hajja iktar suxxettibbli ghal-mard u l-infezzjoni, milli din kienet tkun fil-fatt, kieku kellha dieta korretta u bilancjata. L-esponenti jaqblu pjenament ma' din il-konkluzjoni u hawn jaghtu l-konferma taghhom.*

*"Ghalhekk una volta stabbilit li tassew hemm nexus f'dan il-kaz bejn l-inadempjenza kottrattwali u t-telf reklamat, l-esponenti ghandhom il-kompitu li jidhlu fil-kwistjoni ta' jekk in-nuqqas ta' proteini f'dan il-kaz kienx il-fattur eskluziv fit-telf, jew kienx biss fattur kontributorju.*

*"Jigi osservat minn issa li mix-xhieda li kien ta l-veterinarju Frank Cassar, it-telf li sofra l-attur kien minhabba mard infettiv. B'dan li certi mikrobi jattakkaw l-organizmu, idghajjfuh u anki jgibu l-mewt tieghu. Infatti t-Tabib Cassar kien specifiku u semma l-prezenza ta' "Defoide" u "E.Coli". Minn imkien ma rrizulta li l-annimali mietu per kawza ta' emacjazzjoni, cioe` min-nuqqas ta' nutriment.*

*"Dan il-fatt gie wkoll kostatat mill-perit gudizzjarju, vide fol 101 tal-process. L-istess perit kompla jzid:*

*"Minghajr dubju n-nuqqas ta' proteini ... ghandha iggib maghha numru ta' mwiet."*

[4] Paġġ. 141 – 8 tal-atti taċ-Ċitazz. Nru. 994/71

*“A skans ta’ ekwivoci l-periti jaqblu li f’dan il-kaz, si trattava zgur ta’ “passa” u dan johrog kemm mix-xhieda msemmija tat-Tabib Cassar, u f’kontro-ezami ta’ l-attur f’dan il-process, fol 38 li minnha johrog li t-Tabib Cassar qal lill-attur “issa ghandek dak li kellek sentejn ilu.”*

*“Billi l-periti jsibu li dan il-fatt jirrizulta, huma jaqblu wkoll pjenament mar-ragunament tal-Profs. Jaccarini li gie riprodott verbatim a skans ta’ ripetizzjoni.*

*“L-esponenti josservaw ghalhekk illi n-nuqqas ta’ proteini fl-ghalf ma setax kien il-kawza unika tat-telf ta’ mard. Dan kien biss fattur li baxxa r-rezistenza ghal dak il-mard ta’ certa percentwali ta’ dawk l-annimali affetti, u serva biex ikattar in-numru ta’ dawk minnhom li kienu fatalment suxxettibbli ghall-mard. Dejjem kien ser ikun hemm certa percentwali ta’ telf mill-mard li laqat il-farm ta’ l-attur [recte konvenut], anki li kieku l-ghalf kien skond l-ispecifications. Li gara pero` kien li dak in-numru ta’ mwiet zdied b’xi percentwali.*

*“L-esponenti huma tal-fehma li filwaqt li b’metodi ta’ analizi xjentifika jista’ jigi determinat x’nuqqas ta’ proteini kien hemm fl-ghalf, u fil-fatt dan sar, u jidher illi l-medja kienet li hemm nuqqas ta’ cirka 25% ta’ proteina;*

*“Madankollu l-grad ta’ kontribuzzjoni ghall-imwiet a kawza ta’ tali nuqqas mhix xjentifikament mizurabbli. Huwa wkoll eskluz li hemm xi relazzjoni matematika bejn il-percentwali tan-nuqqas u l-percentwali ta’ mwiet zejda per konsegwenza. B’hekk per ezempju jkun xjentifikament infondat li wiehed jghid li 25% nuqqas ta’ proteina gab 25% iktar imwiet, u ghalhekk dan l-argument irid jintesa.*

*“Jibqa’ mela li kull ma tista’ ssir hija valutazzjoni pjuttost generika ta’ x’setghet kienet ir-relazzjoni numerika bejn nuqqas ta’ proteina u mwiet addizzjonali. Fi kliem iehor trid bilfors issir valutazzjoni u stima “arbitrio boni viri”, pero` fuq ebda kriterju xjentifikament mizurabbli.*

*“Il-periti nnotaw li l-perit gudizzjarju ffissa din ir-relazzjoni fil-percentwali ta’ 10% cioe`, li n-nuqqas ta’ proteini f’dak l-ghalf, gab mieghu l-mewt ta’ 10% mill-annimali iktar minn dawk li kienu xorta wahda jmutu. L-esponenti in vista tal-premessi li saru, ma jarawx li din il-figura tikkozza ma’ xi norma xjentifika, u huma tal-opinjoni li fil-fatt il-figura hija “of the right order”, u ragjonevoli. Ghal dawn il-motivi ma jsibu ebda ragjuni li jiddisturbaw ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju fuq dan il-punt u jissottomettu l-konferma taghhom.*

*"Billi fil-provi ma gewx konstatati la t-telf soffert f'numru ta' annimali, u produzzjoni ta' bajd, u lanqas ingabu provi dwar prezzijiet ta' l-istess, fiz-zmien tat-telf, l-esponenti ma ghandhomx bazi biex jghaddu ghal-likwidazzjoni tad-danni."*

*"Rat ir-rapport ta' Dr. Vincent Galea*[5] *li fih semma:*

*"**IV. KONSIDERAZZJONIJIET***

*"56. Illi fis-seduta mizmuma quddiem l-esponenti nhar it-8 ta' Lulju, 2010 il-partijiet kienu qablu li l-provi f'din il-kawza u fil-kawzi l-ohra bin-numri 875/82/CFS u 319/70/CFS* [*recte:* 994/71] *ghandhom jaghmlu stat u prova f'kull kawza.*

*"57. Mill-provi migbura u akkwiziti mit-tlett processi hawn appena imsemmija jirrizulta s-segwenti:*

*"i. Bejn il-partijiet kien jezisti negozju u dan fis-sens illi Ignazio Gatt kien ibiegh lil Zakkarija Calleja ikel ta' l-annimali.*

*"ii. Skond ma jirrizulta minn fol. 4 tal-process bin-numru 319/70, Ignazio Gatt kien biegh lil Zakkarija Calleja ikel ghal annimali fl-ammont ta' Lm12,169.16 u dan bejn Frar, 1969 u Frar 1970.*

*"iii. Meta Ignazio Gatt ra li Zakkarija Calleja ma riedx ihallsu ghal-ikel li kien gie konsenjat lilu u accettat minnu, u wara li Gatt fehem x'kienet il-problema ghan-nuqqas ta' hlas, il-partijiet kienu qablu li jitqabbad il-veterinarju Frank Cassar u li huma kellhom joqghodu fuq dak li jghid. Di fatti, kien ittiehed sample ta' l-ikel u ittiehed biex jigi ezaminat mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura. Ignazio Gatt fix-xhieda moghtija minnu fl-1 ta' Ottubru, 1970 jistqarr illi "Skond dan ic-certifikat irrizulta li kien hemm xi differenza zghira fil-kontenut tal-proteina fl-istess gwiez." X'hin hareg ir-rizultat, Calleja qal lil Gatt li huwa kien ser jibaghtlu l-kont ghal hsara li saret. Wara li ghadda ammont ta' zmien u dan il-kont baqa ma giex, Gatt beda jinsisti ghal hlas u meta Calleja ma hallasx, ghamillu l-kawza.*

*"iv. Il-gwiez li Gatt kien ibiegh lill-Calleja kien jithallat hawn Malta minn Gatt stess wara li dan ikun gab il-materja prima minn barra. Gatt ighid illi x-xoghol tat-tahlita tal-koncentrat kien bdih fil-1965 u li Calleja beda jixtri minghandu madwar sentejn wara li kien beda jhallat.*

---

[5] Paġġ. 312 sa 382 tal-proċess

*"v. Ignazio Gatt ighid li t-tahlita tal-koncentrat kienet tikkonsisti fi:*

*"(a) fishmeal (15%);*
*"(b) meat and bone meal (30%);*
*"(c) feather meal (10%);*
*"(d) soya bean meal (20%);*
*"(e) ground nut meal (13%);*
*"(f) sunflower meal (10%); u*
*"(g) distillers solubles xi (7%).*

*"vi. Mat-tahlita, Gatt kien jitfa' ukoll il-vitamina A u l-vitamina D3. Dawn iz-zewg vitamini pero` ma kienux jintefghu direttament mat-tahlita izda mas-soya meal. Gatt jammetti fix-xhieda tieghu li s-soyabean meal u s-sunflower meal gieli kienu jkunu anqas izda l-meat u l-bonemeal u l-fishmeal dejjem kienu jkunu konsistenti.*

*"vii. Din it-tahlita Gatt kien ibiegha ghat-tigieg biss u ghall-flieles biss. Ghal majjali kien jaghmel tahlita ohra. Gatt ighid ukoll li lil Calleja dejjem beghlu tahlita ghat-tigieg u li tahlita ghall-majjali qatt ma beghlu.*

*"viii. Fil-bidu tas-sena 1970, Calleja informa lill-Gatt li huwa kien ser jibda jixtri nofs il-bzonnijiet tieghu minghand Joseph Darmanin u n-nofs l-iehor kien ser jibqa jixtrih minghand l-istess Gatt...*

*"58. Fl-ewwel eccezzjoni tieghu, l-konvenut Zakkarija Calleja fil-kawza numru 319/70 iqanqal il-kwistjoni ta' nullita` ta' l-att tac-citazzjoni "peress li 'd-ditta Joseph Gatt' mghandhiex 'locus standi'".*

*"59. L-attur fetah dawn il-proceduri hekk: "Ignazio Gatt ghad-ditta Joseph Gatt". Ma hemmx dubbju, minn hadd mill-partijiet li n-negozju kien isir bejn Ignazio Gatt u Zakkarija Calleja. Joseph Gatt huwa isem missier Ignazio Gatt. It-tnejn kienu fl-istess qasam u meta Ignazio Gatt ha t-tmexxija tad-ditta, huwa baqa` juza l-istess isem. Anke r-ricevuta esebita a fol. 4 tal-process hija ntestata "Joseph Gatt". Ma hemmx dubju li Ignazio Gatt, kien, meta giet istitwita l-kawza, l-persuna li kien qieghed imexxi d-ditta Joseph Gatt. Ukoll, l-azzjoni odjerna tnisslet minn obligazzjoni dipendenti minn att minnu maghmul fl-ezercizzju tal-kummerc ta' dik id-ditta. Ghalhekk fil-fehma ta' l-esponenti, l-attur, kien, oltre l-principal tad-ditta, jikkwalifika ukoll bhala institur (manager).*

*"60. Illi skond l-artikolu 64 tal-Kodici tal-Kummerc:*

> *"64. L-institur jista' jħarrek jew jiġi mħarrek f'isem il-prinċipal għall-obbligazzjonijiet imnisslin mill-atti magħmulin minnu fl-eżerċizzju tal-kummerċ jew tal-linja ta' kummerċ li minnhom ikun inkarigat, ukoll meta l-prinċipal ikun jinsab f'Malta."*

*"61. L-imsemmija disposizzjoni tal-ligi tikkonferma espressament il-fakolta` lill-institur li jirrapprezenta l-principal tieghu f'kawza, u testendi dik il-fakolta anki ghall-kaz meta l-principal ikun prezenti f'dawn il-Gzejjer. Ir-rapprezentanza tal-principal assenti fil-persuna ta' l-institur hija konformi ghad-dritt komuni, imma r-regola hija li l-mandatarju ma jistax jirraprezenta lill-mandant li jkun prezenti f'dawn il-Gzejjer. Id-disposizzjoni tal-ligi citata tidderoga ghal dan il-principju procedurali ghaf-favur ta' l-institur, u taghtih il-fakulta` li jirrapprezenta f'gudizzju lill-preponent, sija bhala attur sija bhala konvenut, anke jekk il-preponent ikun f'dawn il-Gzejjer; ben intiz f'kontroversji li jitnisslu minn obbligazzjonijiet derivanti minn attijiet intraprizi mill-istess institur fl-ezercizzju tal-kummerc, jew ram tal-kummerc, li minnu jkun gie inkarigat.*

*"62. F'dan il-kaz, Ignazio Gatt, istitwixxa l-azzjoni hekk "Ignazio Gatt ghad-ditta Joseph Gatt". Fil-fehma ta' l-esponenti, Gatt istitwixxa korrettement din l-azzjoni bhala institur (managing director) tad-ditta Joseph Gatt. Kif tajjeb qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph Portelli noe vs Carmelo Vella*** *moghtija fl-10 ta' Dicembru, 1953:*

> *"... r-rapprezentanza gudizzjali ta' l-institur giet disposta qabel kollox in garanzija tat-terzi li jkunu mieghu ikkuntrattaw (***Codice di Commercio Commentato***, Vol. VI.I.372 tal-Professur Agostino Ramella). Dawn it-terzi jistghu ma jkunux jafu l-principal, ghaliex, kif jispjega* ***Vivante*** *(Vol. I.419), ikun il-boghod jew estraneu ghall-kummerc. Kieku ma kienx bizzejjed li jikkonvjenu f'gudizzju l-institur f'isem tad-ditta li ghaliha jkun ikkuntratta maghhom, ma kienx ikun possibili ghalihom li jikkonvjenuh f'kawza, jekk mhux wara indagini piu` o meno twila sabiex isiru jafu min hu l-preponent proprjetarju tad-ditta, u dana jmur kontra r-rapidita` u l-bonafidi wkoll ta' l-affarijiet, kunsidrat specjalment il-pregudizzju irreparabbili li f'xi kazijiet jista' jidderiva mid-dewmien;*
>
> *"Ma jistax f'dan il-punt jigi obbjettat li t-terzi ma jistghux ma jkunux jafu min hu l-principal, jekk l-institur ghandu dejjem jittratta l-affarijiet f'isem il-principal (art. 66 (illum 62) Kodici citat); u dan ghaliex, skond l-istess disposizzjoni tal-ligi li timponi lill-institur d-dover li jitratta f'isem il-principal, l-institur, filwaqt li jkun qieghed jittratta affari tal-principal tieghu, jista' jindika, mhux l-isem u l-kunjom tal-principal, imma inveci l-isem tad-ditta tal-principal;*

> *"Mill-kliem ta' l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi – art. 66 (illum 62) Kodici Kummercjali – jirrizulta mela wkoll illi, meta l-institur jippromwovi azzjoni, jippromwoviha sewwa f'isem il-principal, meta jistitwiha f'isem id-ditta tal-principal tieghu – kif ghamel l-attur fil-kaz prezenti. U difatti, skond ic-citata disposizzjoni tal-ligi, l-institur ghandu dejjem jittratta f'isem il-principal, u meta jiffirma ghandu jnizzel, ma' ismu u kunjomu, l-isem u l-kunjom jew l-isem tad-ditta – the firm name fit-test ingliz – tal-principal, biz-zieda tal-kelmiet 'bi prokura' jew ohrajn li jfissru hekk, u fin-nuqqas jobbliga ruhu personalment. Mela, skond l-istess kelma tal-ligi, l-institur ikun qieghed jittratta f'isem il-principal anki meta jindika biss l-isem tad-ditta tal-principal; u allura ghandu jigi ragjonevolment ritenut illi, skond l-istess ligi, l-institur ikun ippromwova azzjoni u jkun gie konvenut f'gudizzju f'isem il-principal meta jagixxi jew jigi konvenut f'isem id-ditta – l-isem kummercjali tal-principal tieghu;*
>
> *"Hu veru li d-ditta, jew ahjar l-azjenda kummercjali, fil-ligijiet taghna ma ghandhiex awtonomija guridika, la bhala suggett u lanqas bhala oggett ta' dritt; imma l-konvenut qieghed jinsa li l-institur jassumi processwalment il-libsa tal-parti. Il-fuq imsemmi* ***Ramella*** *jispjega li l-institur, filwaqt li fir-rapport materjali huwa rapprezentant tal-preponent, jassumi processwalment il-libsa ta' parti, u ghalhekk, filwaqt illi fl-ewwel kaz ikunu opponibili l-eccezzjonijiet tratti mill-persuna tal-principal, fit-tieni kaz huwa ghandu, inveci, il-poteri ta' parti '***in lite*** *(op. Cit. pag. 372)".*

*"Dik il-Qorti, ghaddiet biex irrispingiet l-eccezzjoni.*

*"63. Issa f'dan il-kaz, il-konvenut kien jaf min kien qieghed jaghmel il-kawza u dejjem tratta mieghu anke waqt ix-xiri tal-koncentrat. L-attur kellu ditta u cioe` Joseph Gatt u ma ghamel xejn hazin, anzi ma hemm l-ebda irritwalita` li jwassal ghan-nullita tac-citazzjoni billi huwa pprezenta l-kawza kif fil-fatt ipproponieha. L-esponenti huwa tal-fehma wkoll li dak kollu li inghad fuq l-institur hawn fuq japplika b'aktar sahha ghall-kaz odjern l-ghaliex Ignazio Gatt, oltre li kien il-persuna li jmexxi n-negozju kien ukoll il-Principal. Ghalhekk, hija l-fehma ta' l-esponenti, li Ignazio Gatt seta' jippromwouvi din l-azzjoni kif ippromuoviha. Oltre dan, jinghad li, fl-24 ta' Settembru, 1992 il-gudizzju gie trasfuz f'isem l-atturi prezenti li huma l-eredi ta' l-imsemmi Ignazio Gatt u ghalhekk jekk kien hemm xi difett, dan illum il-gurnata gie sanat. Ghaldaqstant din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Zakkarija Calleja qeghda tigi respinta.*

*"64. Spjanata u deciza din l-eccezzjoni preliminari, jmiss issa li jigi deciz il-mertu tal-kaz. Fit-tieni eccezzjoni tieghu, l-konvenut Zakkarija Calleja jghid illi "l-concentrate fornit mill-attur ma kienx fih il-proteini skond li specifications u minhabba f'hekk il-konvenut sofra danni enormi fil-flieles u majjali, li jeccedu £20,000, u ghalhekk hu ghandu jiehu minn ghand l-attur (Ignazio Gatt) u mhux ghandu jaghtih".*

*“Ikkunsidra ulterjorment;*

*“65. Dan huwa kaz, li sfortunatament dam ghalxejn. Kien kaz semplici li l-partijiet raw kif ghamlu biex tawluh inutilment. L-attur f’din il-kawza, u senjatament fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu jghid li l-Qorti ma ghandhiex toqghod fuq il-perizji teknici li kienet ordnat hi stess. Dan minhabba l-fatt li ma kienx hemm il-kontinwita` tal-prova bejn il-prodott supplit minn Ignazio Gatt lil Zakkarija Calleja u dak mghoddi minn Zakkarija Calleja lil-Laboratorji inkluz dawk ta’ Malta. Minhabba f’hekk, ighid Gatt ir-rizultanzi tal-Laboratorji ma setghu qatt jistabilixxu li dawk in-nuqqasijiet li instabu kienu gejjin mill-prodott tieghu u ghaldaqstant qatt ma seta’ jigi stabbilit li d-danni li ssubbixxa Calleja kienu rizultat tal-prodott tieghu.*

*“66. L-attur, fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu jghid li “ghalhekk l-esperti nominati mill-Qorti fil-fatt kienu qed jaghtu opinjoni mhux fuq il-prodott supplit minn Ignazju Gatt imma fuq certifikati li Zakkarija Calleja jallega illi gab. Dawn ic-certifikati bl-ebda mod ma gew ikkonfermati bil-gurament ta’ min ghamilhom. Ma jistghux jittiehdu bhala prova dokumenti li m’humiex dawk elenkati mil-ligi bhala dokumenti ta’ pajjiz barrani illi jaghmlu prova.* ***L-artikolu 1632*** *[recte 632]* ***tal-Kap 12 jistabilixxi liema hija l-procedura illi kellha tintuza fuq dokument barrani*** *” (Sottolinejar u enfazi ta’ l-attur) u “l-kontinwita` tal-prova m’hijiex kwistjoni biss fl-awli kriminali imma hija wkoll fil-kawzi civili”.*

*“67. Jibda biex jinghad fuq dan l-ahhar punt illi fil-waqt li fl-awla kriminali l-prova tal-htija trid tkun lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, fl-awli civili, l-prova hija fi grad inqas. Di fatti fic-civil, il-grad tal-prova fuq bilanc ta’ probabilita` hija accettabbli...*

*“69. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, l-attur ma jsemmiex din ix-xhieda moghtija minn Ignazio Gatt fl-1 ta’ Ottubru, 1970. Jipprova anzi jitfa’ d-dubju dwar jekk il-kampjuni li intbaghtu minn Calleja lill-laboratorju esteru kienx mill-istess koncentrat li kien biegh Gatt lill-Calleja. L-esponenti ra l-perizja teknika tal-Professur Anthony Jaccarini prezentata minnu fis-17 ta’ Novembru, 1978 u dik tal-Periti Teknici Addizzjonali pprezentata fil-11 ta’ Gunju, 1985 u huwa tal-fehma, li anke jekk wiehed kellu jiskarta c-certifikati tal-laboratorji esteri, xorta l-konkluzjoni ta’ l-esperti teknici kienet ser tkun l-istess l-ghaliex mill-analizi rilaxxata mill-laboratorju Malti, irrizulta li kien hemm nuqqas ta’ proteina.*

*“70. Dan il-fatt, Ignazio Gatt qatt ma ikkontestah, anzi fix-xhieda moghtija minnu fl-1 ta’ Ottubru, 1970, ighid “Konna ukoll hadna sample tal-merkanzija u hadnieha biex tigi ezaminata d-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura u ftehmna li noqghodu fuq ir-rizultat*

*taghhom.* ***Skond dan ic-certifikat irrizulta li kien hemm xi differenza zghira fil-kontenut tal-proteina fl-istess gwiez****"(Ara xhieda ta' Ignazio Gatt datat 1 ta' Ottubru, 1970) (sottolinejar u enfazi ta' l-esponent) u l-istess Gatt izid ighid li "Billi ma baghtlix il-kont kif kellu jaghmel jiena insistejt ghall-hlas u billi ma tahomlix ghamiltlu l-kawza" (Ara xhieda ta' Ignazio Gatt datat 1 ta' Ottubru, 1970). Hija l-fehma ta' l-esponenti li Gatt kien qieghed jistenna lil Calleja sabiex jibghatlu l-kont tal-hsarat li l-annimali ta' Calleja sofrew minhabba dan in-nuqqas u li ghalhekk, l-istess Gatt kien qieghed jaccetta li hsara grat minhabba dan in-nuqqas. Ghalhekk jezisti n-ness bejn il-prodott supplit minn Gatt lil Calleja u d-danni subiti minn Calleja minhabba dan il-prodott supplit.*

*"71. Illi ghalhekk, meghlub dan il-punt imqanqal mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, imiss li l-esponenti jghaddi biex jillikwida d-danni dovuti lil Zakkarija Calleja minhabba dan in-nuqqas ta' proteina. F'dan ir-rigward, il-kwistjoni fil-fehma ta' l-esponenti kienet wahda semplici ferm, specjalment wara r-rapport tekniku tal-Professur Jaccarini datat 17 ta' Novembru, 1978 li sussegwentement gie konfermat mill-Periti Teknici Addizzjonali fil-11 ta' Gunju, 1985. L-esperti teknici lkoll qablu li l-koncentrat mibjugh minn Gatt lil Calleja kien fih nuqqas ta' proteina fl-ammont ta' cirka 25%. Qablu ukoll li dan iffiser, li n-nuqqas ta' proteini f'dak l-ghalf, gab mieghu l-mewt ta' 10% mill-annimali iktar minn dawk li kienu xorta wahda imutu minhabba l-mard li kien qieghed jaffettwa l-farm ta' Calleja dak iz-zmien. Illi ghalhekk hija din il-figura li ghandha tittiehed bhala l-punt ta' partenza ghal-likwidazzjoni tad-danni. In oltre, din il-figura, l-esperti teknici waslu ghaliha wara li kkunsidraw li l-annimali ma mietux minhabba emacjazzjoni u cioe minhabba nuqqas ta' nutriment, izda mietu minhabba mard infettiv. Huwa minnu ukoll li l-esperti teknici pero` rabtu n-nuqqas ta' proteina, imsemmija f'dan il-paragrafu li kien fih il-koncentrat u li Gatt biegh lill-Calleja, mal-fatt li dan wassal ghal konsegwenza li l-annimali kienu qeghdin jinghataw dieta dghajfa u li setat facilment irrendiet lill-annimali aktar suxxettibbli ghal-mard u l-infezzjoni, milli kieku l-annimali kellu dieta korretta u bilancjata.*

*"72. Issa Calleja xehed u esebixxa dokument immarkat bhala Dok. D1 intitolat statement of losses u li jaghti figura ta' £18,900. Dan l-ammont pero` jinkludi l-produzzjoni tal-bajd u l-imwiet tat-tigieg, il-qzieqez u l-hniezer. Illi ghandu jidher bil-wisq car, li anke minn dak riportat fil-paragrafu precedenti, dan l-ammont ta' £18,900 zgur li ma huwiex dovut fl-intier tieghu.*

*"73. Jifdal pero jigi deciz x'tip ta' koncentrat kien qieghed jinbiegh lil Calleja minn Gatt. Dan fis-sens illi Gatt ighid li huwa kien ibiegh lil Calleja koncentrat biss ghat-tigieg u ghall-flieles (ara xhieda ta' Ignazio Gatt datata 4 ta' Mejju, 1976 – Cit. nru.*

*994/71). Jichad li qatt biegh koncentrat lil Calleja ghall-majjali. Dwar x'tip ta' koncentrat Gatt kien ibiegh lil Calleja, l-esponenti sejjer jislet is-segwenti xhieda...*

*"74. Illi l-esponenti huwa tal-fehma, anke fuq bilanc ta' probabilita`, li l-koncentrat li kien jixtri Zakkarija Calleja minghand Ignazio Gatt kien dak li jirrigwarda t-tigieg biss u mhux ghall-majjali kif ighid l-istess Zakkarija Calleja fix-xhieda tieghu. L-esponenti wasal ghal din il-konkluzjoni mix-xhieda li inghatat mill-partijiet u mix-xhieda mressqa u li giet riportata hawn fuq. Leli Zammit ighid li huwa kien sab lil Calleja u lil Gatt fil-kamra tat-tigieg ta' Calleja jitkellmu fuq il-gwies. L-istess haga jghid Joseph Falzon. Imbaghad hemm ix-xhieda mhux kontradetta ta' l-attur Carmel Gatt, iben Ignazio li jghid li huwa kien imur ma' missieru fil-farm ta' Calleja u hemm kienu jhottu l-koncentrat. Meta kienu jmorru f'dan il-farm, Carmel Gatt ighid li huwa kien jisma' t-tigieg. L-unika persuna li tghid li kienet tixtri l-koncentrat ghat-tigieg u ghall-majjali huwa l-konvenut Zakkarija Calleja. Il-lavrant tieghu John Buttigieg ma jitfax dawl fuq dan il-fatt salv li huwa kien jaghmel it-tahlita ta' l-annimali a bazi ta' ricetta li kien tah Calleja. Din ix-xhieda, salv ghal dak li jghid il-konvenut jwasslu lill-esponenti biex jghid li x-xhieda moghtija mill-attur Ignazio Gatt ghandha aktar mis-sewwa milli dik moghtija minn Zakkarija Calleja.*

*"75. Ghalhekk, ghar-rigward ta' danni, l-esponenti sejjer jiskarta dawk id-danni li l-konvenut Calleja qieghed jitlob ghar-rigward tal-majjali.*

*"76. Imiss issa li nghaddu ghal-likwidazzjoni tad-danni. Il-konvenut ressaq dokument immarkat bhala Dok. D1 (fol. 290 tal-process numru 994/71). Dan id-dokument jaghti s-somma ta' £18,990 bhala danni li l-konvenut Calleja sofra minhabba din il-vicenda. Kif diga nghad, l-esponenti ma huwiex ser jiehu in konsiderazzjoni d-danni relattivi ghall-majjali li jammontaw ghal £4,325. Mela jekk mis-somma ta' £18,990 titnehha s-somma ta' £4,325 jifdal l-ammont ta' £14,665.*

*"77. Kif diga nghad ukoll, il-Periti Gudizzjarji Teknici kienu qalu li n-nuqqas ta' proteini fl-ghalf li Gatt biegh lil Calleja, gab mieghu l-mewt ta' 10% mill-annimali iktar minn dawk li kienu xorta wahda imutu minhabba l-mard li kien qieghed jaffettwa l-farm ta' Calleja dak iz-zmien. Mela allura d-danni sofferti minn Calleja jammontaw ghal ghaxra fil-mija (10%) ta' £14,665 u cioe £1,466.50 liri Maltin, ekwivalenti ghal tlett elef erba mija u sittax-il euro u tlett centezmi ta' euro (€3,416.03).*

*"78. L-ammont ta' £12,169.16 ekwivalenti ghal €28,346.52 imsemmi minn Gatt fic-citazzjoni numru 319/70 qatt ma gie kkontestat minn Calleja tul il-wiehed u erbghin sena li din il-*

*kawza ilha pendenti u ghalhekk l-esponenti huwa tal-fehma li l-atturi f'din il-kawza rnexxielhom jippruvaw li Calleja verament ghandu jaghti dan l-ammont lilhom.*

*"79. B'dan illi minn dan l-ammont ta' €28,346.52 ghandu jitnaqqas l-ammont ta' €3,416.03 li huwa l-ammont ta' danni li qeghdin jigu likwidati favur il-konvenut Calleja fil-kawza numru 994/71. Ghalhekk, Zakkarija Calleja ghandu jhallas lill-atturi l-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf disa mija u tletin euro u disgha u erbghin centezmi ta' euro (€24,930.49).*

*"**V. KONKLUZJONI***

*"80. Għaldaqstant l-esponenti jissottometti li in vista ta' dak kollu hawn fuq premess, din l-Onorabbli Qorti għandha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tiċħad l-ewwel eccezzjoni ta' nullita`, tichad l-eċċezzjonijiet l-ohra tal-konvenut, salv ghal dak li inghad hawn fuq, biex b'hekk tilqa' t-talbiet attriċi limitatament kif hawn fuq premess u konsegwentament tikkundanna lill-konvenut Zakkarija Calleja iħallas lill-atturi s-somma kumplessiva ta' erbgha u ghoxrin elf disa mija u tletin euro u disgha u erbghin centezmi ta' euro (€24,930.49);*

*"L-imghaxijiet fuq l-ammont ta' €24,930.49 ghandhom jibdew jiddekkoru mid-data tas-sentenza.*

*"Bl-ispejjez ta' din l-istanza tkun a karigu esklussiv tal-konvenut Zakkarija Calleja."*

*"In eskussjoni l-Perit Legali ghad-domanda jekk l-ammont tad-danni li hu stabbilixxa fil-kawza li Zakkarija Calleja ghamel kontra Ignazio Gatt imbaghad rega' naqqsu wkoll mill-ammont tal-kawza ghall-krediti li Ignazio Gatt kien qed jitlob minghand Zakkarija Calleja, wiegeb li iva. Fuq domanda ohra jekk it-talba ghall-kundanna tal-hlas tal-kreditu maghmula fil-kawza Ignazio Gatt kontra Zakkarija Calleja l-imghaxijiet kellhom jiddekorru mid-data tal-konsenja u dan peress li kien debitu kummercjali, irrisponda li iva.*

*"**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:***

*"Il-Qorti tirrileva li din il-kawza giet intavolata fl-1970 izda giet quddiem din il-Qorti kif presjeduta biss lejn l-ahhar tas-sena 2002. Tirrileva wkoll li nhlew diversi seduti meta l-atturi gew biex ihallsu d-dritt dovut lill-konsulent legali taghhom meta dan ma baqax jippatrocinahom u damu snin biex jirrisolvu din il-kwistjoni. Tirrileva wkoll li ghal numru ta' seduti l-Qorti giet iddisturbata fil-kors tax-xoghol taghha meta Carmel Gatt u Speranza Gatt iddeportaw ruhhom hazin fl-Awla.*

*"Illi din il-Qorti taghmilha cara li wara li qrat ix-xhieda u ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluz ir-relazzjonijiet peritali kief ukoll noti ta' osservazzjonjijiet,u evalwat l-aspetti kollha tal-kawza thoss li ghandha taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet peritali.*

*"Infatti dak imsemmi minn Dr. Galea dwar l-eccezzjoni preliminari fuq l-institur taghmel kull sens in vista ta' dak li jghid l-artikolu 64 tal-Kap 13 kif ukoll is-sentenza kkwotata minnu fl-ismijiet* ***Joseph Portelli noe vs Carmelo Vella****.*

*"Riferibbilment ghall-mertu tal-kaz, dan hareg car mir-rapporti peritali tal-Professur Jaccarini kien konfermat mit-tieni rapport. Jekk wiehed ihares sewwa lejn fol 395 tal-process jidher li l-kawza principali ta' l-imwiet ta' l-annimali kienet il-passa ghalkemm in-nuqqas ta' proteini fil-gwiez seta' kkontribwixxa, izda dan ma setax gustifikament jeccedi bhala medja aktar mill-10%. Dan il-kliem tal-Professur Jaccarini kien konfermat mit-tieni rapport li a fol 400 jghidu li minn imkien ma rrizulta li l-annimali mietu per kawza ta' emacjazzjoni, cioe` min-nuqqas ta' nutriment. Isostnu li l-mewt ta' l-annimali zgur li kienu effett tal-passa u li n-nuqqas tal-proteini fl-ghalf kien il-kawza unika tat-telf mill-mard (fol 401). Minn dak li johrog a fol 402 jinghad li m'hemmx relazzjoni matematika bejn il-percentwali tan-nuqqas ta' proteini u l-percentwali ta' l-imwiet zejda u li bil-fors valutazzjoni trid tkun ta' natura generika ossija wahda arbitrio boni viri. L-istess esperti ma jarawx li l-figura tikkozza ma' xi forma xjentifika u li kienu ta' l-opinjoni li fil-fatt il-figura kienet of the right order u ragjonevoli.*

*"Il-Qorti qieset ukoll li Zakkarija Calleja qatt ma ddepozita taht l-awtorita` tal-Qorti l-concentrate li kien gie mibjugh lilu minn Ignazio Gatt u li tieghu ma hallsux. Kieku kien ghamel dan, kien jista' jezimi ruhu mir-responsabbilta` tal-hlas u l-Qorti kienet tkun f'pozizzjoni li jsiru l-ezamijiet u t-testijiet kollha necessarji, izda minflok zammu u ma hallasx lil Gatt.*

*"Riferibbilment ghat-talba ghall-imghax il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija minnha kif presjeduta fis-17 ta' Marzu, 2010 fl-ismijiet* ***Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat et*** *(Citazz. Nru.: 448/87FS) fejn inghad:*

> *"Fuq dan l-aspett il-Qorti tirrileva li dwar imghax jinghad li l-principju generali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likwidat. Il-principju hu li in illiquidis non fit mora ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u minhabba f'hekk ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma*

> *jistax jinghad li jkun kostitwit **in mora**. Ara f' dan is-sens dawn is-sentenzi fejn il-gurisprudenza tista' tghid hija pacifika:*
>
> "***Salvatore Camilleri noe vs Candida Dimech ed altri** (9 ta' April, 1877) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi:*
>
> *".............il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione............."*

"***Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli noe** (18 ta' Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummercjali rriteniet illi:*

> *"I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione".*

"***Mallia Tabone Utrinque –** 8 ta' Dicembru, 1903*

"***Filippo Farrugia Gay vs. Padre Antonio Buhagiar dei Minori Conventuali noe** (12 ta' Mejju, 1916) fejn il-Qorti ta' l-Appell qatghet illi:*

> *"Ma non essensdo chiesta una somma liquida, gli interessi non possono decorrere che dalla data della liquidazione, la quale nel caso sotto esame segue mediante la presenti decisione".*

"***Vincente Grech et vs. Onor. Prof. AIC John Gatt noe** (24 ta' Ottubru, 1941) fejn il-Qorti ta' l-Appell ghal darb'ohra qatghet illi:*

> *" ............meta s-somma ma tkunx likwidata l-imghax jibda jiddekorri mill-gurnata tal-likwidazzjoni".*

"***Maria Ellul Bonnici et vs Felice Mercieca et noe** (26 ta' April, 1950) Qorti Civili Prim'Awla:*

> *"L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta' l-approvazzjoni taghha".*

"***William Sare` vs Carmel sive Charles Sammut –** Qorti ta' l-Appell 29 ta' Mejju, 1988.*

"***Anthony Mercieca vs in-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et** (16 ta' Dicembru, 1991):*

> *"Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti ghal ammont determinat jew ammont indeterminat u dawn huma dejjem riferibbli ghall-pretensjonijit avvanzata fit-talba ta' l-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk jitlobx ammont minnu determinat jew jitlob ammont indeterminat li ghandu jigi determinat mill-Qorti".*

"***Anthony Buhagiar pro et noe vs Edward Scerri*** *– App Civili Superjuri tat-30 ta' Marzu, 2001.*

*"Irid jinghad li kien hemm xi eccezzjonijiet ta' meta l-Qrati taghna hassew li l-imghax seta' jkun dovut qabel. Hekk insibu li fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet* ***Francis Xavier Aquilina vs Andrew Mamo nomine*** *deciza fid-19 ta' Novembru 2001 inghad:*

> *"Din il-Qorti allura mhix qeghda b'mod kategoriku tghid illi ma jistghux jezistu cirkostanzi fejn l-imghax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx ghadu materjalment gie likwidat bl-applikazzjoni tal-principju in illiquidis not fit mora, specjalment fejn ir-responsabilita' ghad-danni tkun giet ammessa. Il-gurisprudenza illi l-attur "ma setghax jitlob interessi anterjuri ghall-prezentata tac-citazzjoni ghaliex hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li f'kawza ta' likwidazzjoni jinghataw biss interessi mid-data tas-sentenza.........." hi s-suggett ta' zvilupp gurisprudenzjali li ghad irid jigi verifikat.*

***Omissis***

*"B'dana kollu din il-Qorti f'kawza b'mertu bhal dak taht ezami ma kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita` ghall-hlas tieghu. Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat." [kliem sottolineat minn din l-Qorti]*

*"Posizzjoni simili ittiehdet fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fil-kawza fl-ismijiet* ***Citadel Insurance p.l.c. vs Johann Ciantar*** *deciza fl-20 ta' Gunju 2002 [Imh J R Micallef] fejn jinghad:*

> *"Hija wkoll il-fehma taghha li meta talba ghall-hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jinbdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak inhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzajrju (jekk dan ikun sar) u mhux minn dak inhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont;" [kliem sottolineat minn din l-Qorti]*

*"Fil-kawza deciza mill-Prim' Awla fis-16 ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet* ***Blye Engineering Company Limited vs Paolo Bonnici Limited*** *[Imh G Valenzia] b'referenza ghal in illiquidis non fit mora inghad:*

> *"Din il-massima ma ghandiex applikazzjoni assoluta u jista' jkun hemm kazi fejn il-Qorti ma tapplikahiex, ghaliex diversament tkun qedgha taghti vantagg lid-debitur. Kaz bhal dan huwa meta l-likwidazzjoni ma tkunx tista' ssir minhabba htija tad-debitur. Fuq din il-kwistjoni ikkummenta Giorgi (Teoria Obbligaz Vol III pag 202). U ara sentenza Vol LXXXI-I-359* ***Schembri vs Dr. L. Buhagiar*** *28/2/1997.*
>
> *"Ghalhekk il-principju generali hu li in illiquidis non fit mora ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut ghalkemm tezisti l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita` tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita` ghall-hlas tieghu."*

*"Izda l-konsulent legali ta' l-atturi, in eskussjoni kien ghamel id-domanda lill-Perit Legali jekk l-imghaxijiet kellhomx jiddekorru mid-data tal-konsenja u dan peress li kien debitu kummercjali, irrisponda li iva.*

*"Izda dwar imghaxijiet fil-kaz ta' obbligazzjonijiet ta' xorta kummercjali wiehed irid l-ewwelnett josserva dak li jghid l-artikolu 1141 tal-Kap 16. Dan jghid:*

> *"1141 (1). Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.*
> *(2) F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-ezekuzzjoni tal-obblikazzjoni."*

*"Ghalhekk jekk l-obbligazzjoni hi ta' natura Civili, meta jghaddi z-zmien tfisser li d-debitur ghandu jaghti, izda biex jibda jiddekorri mghax hemm bzonn ta' interpellazzjoni b'att gudizzjarju. Izda ma hemm bzonn ta' ebda interpellazzjoni fil-kaz ta' obbligazzjoni kummercjali. Il-fatt li jghaddi z-zmien hu bizzejjed biex id-debitur ikun moruz u ghalhekk l-imghax jiddekorri ipso jure mill-gurnata li fiha l-obbligazzjoni messha giet finalizzata (****A. Cilia vs Onor. Edgar Cuschieri****, Appell Superjuri Civili, 12 ta' Novembru, 1948 – XXXIII-1-356).*

*"L-imghax fil-kaz ta' debitu kummercjali jiddekorri mid-data ta' meta jimmatura ghalkemm hemm uzanza ta' estensjoni (****Parienti vs Camilleri****, Appell Superjuri Civili, 17 ta' Jannar, 1912 – mhux pubblikata). Tali uzanza tista' titbiddel fil-kaz li l-partijiet ikunu ilhom jinnegozjaw ma' xulxin u hadd minnhom ma jkun talab imghax. Fil-kaz imsemmi gie kunsidrat li l-imghax kien*

*dovut mid-data tat-tranzazzjoni. (Ara Appell Civili Superjuri, 26/3/1915 – XXII-I-368* ***Caruana Scicluna vs Debono****). Infatti fl-operazzjonijiet kummercjali l-imghax huwa dovut bil-ligi, u meta ma hemmx dilazzjoni ghall-hlas l-imghax huwa dovut mill-gurnata tal-fattura (Elena* ***Torrano vs Lewis Theuma*** *– 10 ta' Dicembru, 1935 – Qorti tal-Kummerc – XXIX-III-192).*

*"Izda fis-sentenza fl-ismijiet* ***Brigadier John Bell Mc Cance vs Antonio Sammut*** *deciza fl-14 ta' Marzu, 1949 mill-Onor. Qorti ta' l-Appell Superjuri Civili (XXXIII-I-439) insibu li l-Prim'Awla f'dak il-kaz kienet qalet:*

> *"Illi hemm interessi moratorji li jitnisslu mill-gudikat u li jigu warajh, u hemm l-interessi konvenzjonali kif ukoll l-interessi moratorji skaduti u dovuti in forza tat-talba gudizzjarja. Dawk ta' l-ewwel speci huma posterjuri ghall-istess sentenza, u l-ohrajn jiddekorru se maj mill-gurnata tat-talba gudizzjarja, peress li huma anterjuri. Dawk ta' l-ewwel speci jikkonservaw il-karattru taghhom ta' interessi, u huma distinti mill-kapital, mentri l-ohrajn isiru haga wahda mal-kapital; u ghamlet referenza ghal Mattirolo,* ***Trattatato di Diritto Guidiziario Civile Italiano****, Vol. V, pa. 9, paragrafi 8 u 9; u fil-gurisprudenza lokali dejjem saret differenza bejn l-interessi dovuti "per diritto di azione" derivanti mil-ligi (bhal lukri kummercjali u l-konvenzjonali) u dawk dovuti "officio judicis" (bhal dawk dovuti bhala accessorji tas-sorti principali u moratorji). Infatti gie deciz illi dawk l-interessi ghandhom ikunu mahfura meta l-attur ma jkunx ghamel talba ghalihom u ghalhekk ma jkunx hemm il-kundanna. Imma dik ir-regola m'hijiex applikabbli ghal meta l-lukri dovuti "ex stipulatu" jew "ope legis", u ghamlet riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Dicembru 1873 in re "****Piscopo vs Busietta****", Vol. VI, pag. 718, u tal-25 ta' Gunju 1874 in re "****Vallone vs Nicosia****", Vol VIII pag. 145..."*

*"Illi fuq l-eccezzjoni tal-gudikat gie ritenut illi hemm gudikat in kwantu l-lukri gew kanonizzati, imma ma hemmx gudikat fuq id-data minn meta l-interessi jiddekorru; ghaliex dawk is-sentenzi qatt ma setghu jaghtu lukri minn gurnata meta l-kreditu ma kienx validament likwidat: illi huwa principju stabbilit illi l-interessi jghaddu mill-gurnata tal-likwidazzjoni; u ghamlet referenza ghal sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Gunju, 1874 in re "****Vallone vs Nicosia****", tal-15 ta' Dicembru, 1873 in re "****Piscopo vs Busietta****", u tal-Prim'Awla Civili 1903 in re "****Mallia Tabone utrinque****" (Kollez. Vol. XIX p. 83). Il-Qorti ta' l-Appell stess qalet:*

> *"Illi fuq din il-kwistjoni hija haga certa fil-gurisprudenza taghna illi meta jkun hemm bzonn ta' likwidazzjoni, kif gara f'dak il-kaz, peress li l-Emergency Compensation Board ta l-bazi ta' dik il-likwidazzjoni biss, l-imghax jghaddu mis-sentenza li tkun hekk likwidat il-kreditu, meta t-talba tkun tikkomprendi anke l-imghax, u dana skond il-gurisprudenza izjed recenti anki ta' din il-qorti. L-imghax moratorji jibdew jghaddu mill-interpellazzjoni, ghaliex*

> *qabel ikun hemm il-prezunzjoni illi l-kreditur ma jkunx qieghed jinsisti ghalihom, ammenoche` ma jkunux interessati kummercjali jew "ope legis" jew "ex stipulatu"*";

5. L-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellanti") appellaw mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell tat-2 ta' Diċembru, 2013, u li bih u għar-raġunijiet li jissemmew fih, talbu li din il-Qorti jogħġobha tirriforma l-imsemmija sentenza (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") billi "minflok is-somma illi ġie għaliha kkundannat il-konvenut u cioé l-ekwivalenti f'ewro illum ta' £ 12,169.16.0 ekwivalenti għal liri Maltin li jiġu konvertiti bir-rata ta' 2.329 għal kull ewro u għalhekk is-somma kellha tkun ta' € 28,343.46, kif ukoll li l-imgħaxijiet jiddekorru mid-data tal-konsenja minn Frar 1970, fid-diskrezzjoni tal-Qorti kien applikabbli wkoll l-artikolu 1047(2) tal-Kap 16. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut";

6. B'Risposta mressqa fit-3 ta' Settembru, 2018, l-appellat laqa' għall-imsemmi appell billi, fl-ewwel lok, qajjem in-nullità tas-sentenza appellata billi qal li l-ewwel Qorti naqset għal kollox li tittratta l-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu dwar il-kwalità miftehma tal-ġwież mibjugħ, u dan għall-finijiet tal-artikolu 790 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, qal li kellu bosta lmenti mis-sentenza appellata u kien qiegħed jinqeda bil-jedd mogħti lilu bl-artikolu 240 tal-istess Kodiċi biex iressaq appell inċidentali. Fl-appell inċidentali tiegħu, l-appellant qal li ħassu aggravat mis-sentenza appellata minħabba li l-ewwel Qorti kienet

naqset għal kollox li tiddeċiedi l-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu li l-ġwież konsenjat ma kienx tal-kwalità miftehma u li t-tagħrif imsemmi fuq l-ixkejjer tal-ġwież konsenjat kien iqarraq għax il-ġwież kien nieqes mill-"*concentrate*" fil-preċentwali mwiegħed u li għalhekk ma kellu jħallas xejn lill-attur appellat. Bħala t-tieni aggravju mis-sentenza appellata, l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti illikwidat ħażin l-ammont ta' dannu mġarrab minnu minħabba l-ġwież ħażin li begħelu l-attur appellat. Filwaqt li fit-tielet aggravju tiegħu jikkontesta l-kap tal-ispejjeż;

7. Għalhekk bl-imsemmi appell inċidentali tiegħu, l-intimat appellant talab li din il-Qorti tilqa' l-aggravju tan-nullità tas-sentenza appellata, jew, fin-nuqqas li tilqa' dak l-aggravju, li ssib li huwa ma għandu jagħti xejn lill-atturi, wara li tiċħad l-appell fil-mertu tal-istess atturi. Fl-aħħarnett, talab li, f'każ li din il-Qorti ma tilqax iż-żewġ aggravji tiegħu, tiċħad l-appell tal-atturi u tnaqqas is-somma ta' tmintax-il elf sitt mija u erbatax-il euro u sittin ċenteżmi (€ 18,614.60) mis-somma likwidata mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata bħala l-bilanċ li l-appellant irid iħallas lill-atturi appellanti, u kif ukoll li tibdel l-imsemmija sentenza appellata dwar il-kap tal-ispejjeż billi tordna l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu bejn il-partijiet;

8. Fil-25 ta' Settembru, 2018, l-atturi appellanti ressqu Tweġiba għall-Appell Inċidentali tal-intimat appellat billi, għar-raġunijiet u s-

sottomissjonijiet hemm dettaljatament imfissra, talbu lil din il-Qorti tiċħad l-appell inċidentali u tissanzjona l-aġir tal-intimat appellant;

9. B'degriet mogħti minnha fil-11 ta' Ottubru, 2018[6], din il-Qorti laqgħet talba magħmula mill-intimat appellat b'rikors tiegħu tal-1 ta' Ottubru, 2018, għat-tneħħija mill-atti tal-kawża tal-att ġudizzjarju mressaq mill-atturi appellanti fil-25 ta' Settembru, 2018;

10. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

11. Rat l-atti kollha tal-kawża, kif ukoll dawk tal-kawżi fl-ismijiet *Zaccarija Calleja vs Ignazio Gatt et* (Ċitazz. Nru. 994/71) u *Ignazio Gatt et vs Zakkarija Calleja* (Ċitazz. Nru. 875/82) li kienu qegħdin jinstemgħu flimkien ma' din il-kawża;

12. Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Diċembru, 2018, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

13. Illi dan huwa appell miż-żewġ partijiet minn waħda minn tliet sentenzi li ngħataw flimkien fi tliet kawżi bejn l-istess kontendenti dwar bejgħ ta' ġwież tal-bhejjem. Din il-kwestjoni missielta li ilha għaddejja

[6] Paġ. 585 tal-proċess

kważi nofs seklu, bdiet minn sempliċi talba għall-ħlas ta' bilanċ magħmula mill-awtur tal-atturi tal-lum lill-intimat appellat;

14. Illi s-sentenza appellata laqgħet it-talba attriċi u ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimat appellat, madankollu, mill-ammont mitlub naqqset l-ammont ta' danni li l-ewwel Qorti illikwidat (f'waħda miż-żewġ kawżi l-oħrajn li kienu miexja ma' din) bħala danni li l-atturi riedu jagħmlu tajjeb għalihom favur l-intimat appellat;

15. Illi, fid-dawl tal-**eċċezzjoni tan-nullità u tal-ewwel aggravju fl-appell inċidentali** mressaq mill-intimat appellat, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tqis dak l-aggravju qabel kull ħaġ'oħra, billi jekk kemm-il darba kellu jintlaqa' ma jkun għad fadal l-ebda kunsiderazzjoni oħra xi ssir dwar l-appelli mressqa;

16. Illi fl-ewwel lok, il-fatt waħdu li l-inimat ma kienx hu li appella oriġinarjament mis-sentenza appellata imma qajjem il-kwestjoni tan-nullità tagħha biss fit-Tweġiba tiegħu għall-appell prinċipali tal-atturi appellanti, ma jnaqqas xejn mir-ritwalità tal-eċċezzjoni nnifisha[7];

17. Illi fl-ewwel aggravju tiegħu, l-intimat jeċepixxi li s-sentenza appellata hija nulla għaliex jgħid li l-ewwel Qorti naqset għal kollox milli

[7] App. Kumm. **16.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb et vs Attard Montalto et noe*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.426**)

tqis l-eċċezzjoni ulterjuri li kien qajjem fl-ewwel istanza. F'dan ir-rigward, jidher li l-appellat qiegħed jinvoka d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 790 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex isejjes l-eċċezzjoni tiegħu u b'mod partikolari għaliex jgħid li b'hekk dik is-sentenza hija milquta minn difett li jippreġudika l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq għaliex kienet "eċċezzjoni ta' importanza fundamentali" għad-determinazzjoni tal-kwestjoni mqanqla bil-kawża miftuħa kontrih;

18. Illi, fil-qofol tagħha, l-eċċezzjoni ulterjuri kienet tgħid li, ladarba l-ġwież u l-'*concentrate*' mibjugħa w konsenjati lilu mill-attur appellant ma kinux konformi mal-ordni tal-intimat u mal-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fuq it-tikketta ta' fuq l-ixkejjer li fihom kienu konsenjati, ma kien dovut xejn bħala ħlas lill-attur bejjiegħ, u dan lil hinn minn kull pretensjoni ta' danni lil-eċċipjenti jista' jkollu kontra l-istess bejjiegħ. Din l-eċċezzjoni ulterjuri kienet tixbah lit-tieni eċċezzjoni mqajma mill-intimat fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet oriġinali (li kienet tirrigwarda d-danni mġarrba minħabba l-ġwież konsenjat), imma hija ta' natura għal kollox differenti minnha, għaliex hija eċċezzjoni li l-ġwież mibjugħ u konsenjat ma kienx tal-kwalità mwiegħda[8];

19. Illi n-nullità ta' sentenza hija ċirkostanza li titlob l-eżistenza ta' raġuni serja, dwar xi kontinġenza maħsuba mil-liġi, li trid tkun ippruvata kif imiss minn min iqajjem l-eċċezzjoni tas-siwi tagħha u, fuq kollox, li

[8] Art. 1390 tal-Kap 16

trid tkun ippruvata kif imiss mill-istess eċċipjent. Minbarra dan, l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza ma tintlaqax jekk kemm-il darba s-sentenza appellata tkun ġusta fil-qofol tagħha u jekk kemm-il darba ma tkunx imsejsa fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni, nuqqas ta' ċitazzjoni, l-illeġittimità tal-persuna, l-ultrapetizzjoni jew l-extrapetizzjoni, jew jekk ikun fiha xi difett li jġib ħsara lill-jedd tas-smigħ xieraq tal-parti. Għalhekk, jekk l-eċċezzjoni li ma tkunx ingħatat sentenza dwarha imqar tkun waħda li l-liġi tgħid li trid tingħata taħt kap għaliha fis-sentenza[9], l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza xorta waħda tista' ma tintlaqax jekk kemm-il darba s-sentenza tkun ġusta fis-sustanza[10]. L-eċċezzjoni li l-intimat appellat jgħid li l-ewwel Qorti naqset li tiddeċiedi dwarha fis-sentenza appellata mhijiex waħda minn dawk imsemmija fl-artikolu 790 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

20. Illi l-Qorti żżid tgħid li l-eċċezzjoni ulterjuri lanqas kienet waħda minn dawk li l-liġi tgħid li kellha tingħata dwarha sentenza f'kap għaliha. Kienet eċċezzjoni li, kieku l-ewwel Qorti kellha tilqagħha, kienet iġġib fix-xejn it-talba attriċi, għalkemm titqies fil-mertu tal-istess talba. Minn qari tas-sentenza appellata, il-Qorti tqis li minkejja n-nuqqasijiet kollha li l-intimat appellat jgħid li kien hemm fil-ġwież u l-konċentrat lilu mibjugħ, la l-esperti maħtura mill-ewwel Qorti, la l-perit legali u lanqas l-istess Qorti ma sabu li l-imsemmi ġwież u konċentrat ma kinux tal-kwalità miftehma.

---

[9] Art. 730 tal-Kap 12 u ara App. Inf. PS **7.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Louis Paċe et vs Alfred Theuma***

[10] App. Inf. PS **20.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Camilleri vs Emanuel Calleja***

Seta' kien hemm tassew xi diskrepanzi f'xi ingredjenti mit-taħlita, iżda ma sabux li l-għalf jew il-konċentrat ma ntużawx mill-intimat għal ċertu żmien u li fuqu kompla jrabbi u jagħlef it-tiġieġ li kien irabbi. Fi kliem ieħor, jekk kemm-il darba huwa minnu li l-ewwel Qorti naqset li ssemmi jew tikkummenta fit-tul espressament dwar l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri fis-sentenza appellata, ma jirriżultax li l-kunsiderazzjonijiet li hija għamlet ma kinux ġusti fis-sustanza jew ma kinux ukoll jindirizzaw l-imsemmija eċċezzjoni, ladarba sabu li l-mertu tat-talba kien mistħoqq;

21. Illi hemm ċirkostanza oħra wkoll li din il-Qorti ssib li ssaħħilha l-fehma tagħha f'dan ir-rigward. Wieħed ifakkar li din il-kawża kienet qiegħda tinstema' ma' żewġ kawżi oħrajn konnessi mal-istess fatt u li, f'waħda minnhom (jiġifieri dik mibdija mill-intimat appellat dwar id-danni li ġarrab minħabba l-ġwież konsenjat) il-kwestjoni tal-kwalità tal-ġwież u tal-konċentrat konsenjati u mibjugħa kienet il-kwestjoni ewlenija li l-Qorti kellha tistħarreġ u stħarrġitha bħala aspett tat-talba fil-mertu tal-intimat appellat innifsu. Għal din il-Qorti, dan ifisser li jekk kemm-il darba l-mertu tal-azzjoni mibdija mill-intimat appellat kien mistħarreġ, ma jistax jingħad li l-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu f'din il-kawża ma kenitx kunsidrata u (anke jekk mhux espressament) deċiża[11]. Dan ifisser ukoll li, fl-assjem tas-sentenzi li ngħataw fil-kwestjoni ta' bejn il-kontendenti, tharsu d-dispożizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu dwar ir-raġunijiet li fuqhom l-

[11] App. Kumm. **16.1.1933** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa Speranza noe vs Camilleri*** (Kollez. Vol: **XXVIII.i.740**) u App. Inf. PS **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Tomlin Co Ltd vs Jon David Limited***

ewwel Qorti sejset id-deċiżjoni tagħha[12], u kif ukoll li d-deċiżjoni tagħha fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata ġabret id-dikjarazzjoni meħtieġa dwar l-eċċezzjonijiet kollha mqajma mill-intimat appellant, magħduda, għalhekk, l-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu[13];

22. Illi, minbarra dan, wieħed irid jara wkoll jekk huwiex minnu li l-ewwel Qorti naqset li taqta' l-eċċezzjoni ulterjuri mqajma mill-intimat appellat. Dan jingħad għaliex, fl-ewwel lok, jidher li l-parti dispożittiva tas-sentenza appellata tgħid b'mod ċar u tond li kienet qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat bla ma eskludiet xi waħda minnhom. F'dan ir-rigward xieraq jingħad li din il-Qorti[14] kellha okkażjonijiet fejn qalet li ma kienx jaqa' fuq qorti li tispeċifika r-raġunijiet għaliex kienet qiegħda tiċħad xi eċċezzjoni partikolari li tkun tqajmet, iżda jaqa' fuq dik il-qorti d-dmir li tqis l-eċċezzjonijiet fil-qafas tar-raġunijiet li fuqhom tkun qiegħda ssejjes d-deċiżjoni tagħha. Jerġa' jingħad li dan jgħodd fejn l-eċċezzjoni ma tkunx waħda minn dawk li l-liġi trid li dwarha tingħata deċiżjoni għal rasha jew b'sentenza preliminari, jew flimkien mas-sentenza fil-mertu. Fit-tieni lok, l-ewwel Qorti mxiet fuq il-fehmiet tal-perit legali minnha maħtur li (i) irrefera għall-eċċezzjoni ulterjuri u, wara li għarbel il-provi u l-aspetti tad-dritt involuti fil-każ, (ii) wera l-fehma li lanqas l-eċċezzjoni ulterjuri ma kienet mistħoqqa. Kif ingħad f'ċirkostanzi bħal dawn, il-

---

[12] Art. 218 tal-Kap 12
[13] Art. 219 tal-Kap 12
[14] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Refalo et noe vs Laferla et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1222**)

volontà tal-ġudikant tista' tittieħed ukoll mill-konsiderandi tas-sentenza u li d-dispożittiv tagħha ma għandux jittieħed separatament mill-motivazzjoni, imma għandu jiġi minn din definit u mfisser[15]. Fit-tielet lok, jidher li ladarba l-ewwel Qorti sabet li l-intimat appellat kellu jħallas il-bilanċ tal-prezz tal-għalf u konċentrat lilu mibjugħa, kienet fl-istess waqt qiegħda ssib bla siwi l-eċċezzjoni ulterjuri li dak l-għalf u dak il-konċentrat ma kinux tal-kwalità miftehma;

23. Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza mhijiex mistħoqqa u mhix sejra tilqagħha;

24. Illi l-Qorti sejra tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel aggravju tal-intimat fl-appell inċidentali tiegħu aktar 'il quddiem f'din is-sentenza[16];

25. Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis l-**aggravji tal-atturi appellanti**. Bl-**ewwel aggravju** tagħhom, l-atturi appellanti jgħidu li ladarba l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tagħhom f'din il-kawża u sabet li l-bilanċ mitlub kontra l-intimat appellat kien dovut kollu, ma kienx sewwa li mbagħad l-istess Qorti għaddiet biex minn dak l-ammont tnaqqas somma li hija kienet illikwidat bħala d-danni dovuti lill-istess appellat fil-

[15] App. Ċiv. **26.5.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima vs Fava et*** (Kollez. Vol: **LI.i.325**)
[16] §§ 37 sa 44 *infra*

kawża miftuħa minnu. Iżidu jgħidu li, jekk kemm-il darba jseħħ dan, jiġi li l-intimat appellat se jkun tħallas darbtejn tad-danni li jgħid li kien ġarrab;

26. Illi l-intimat appellat ma ressaq l-ebda sottomissjoni dwar dan l-aggravju, ħlief li (għar-raġunijiet li semma fl-appell inċidentali tiegħu) jgħid li l-ammont mitlub mill-appellati ma kienx wieħed ċert, likwidu u dovut;

27. Illi l-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju huwa mistħoqq. Jidher ċar li t-tnaqqis li għamlet l-ewwel Qorti mis-somma mitluba mill-atturi appellanti fl-Att taċ-Ċitazzjoni ma kienx f'postu. Dak l-ammont imnaqqas kien jirrifletti l-ammont ta' danni likwidati favur l-intimat imma li ġew likwidati fil-kawża li huwa kien fetaħ kontra l-awtur tal-appellanti[17], u liema kawża kienet qiegħda tinstema' flimkien ma' din. Mill-kunsiderazzjonijiet li saru fis-sentenza appellata mkien ma jidher li l-ammont mitlub mill-atturi appellanti f'din il-kawża kellu jitnaqqas b'xi ammont għal xi raġuni, u t-tnaqqis li wettqet l-ewwel Qorti għamlitu biss billi ħaddmet il-konklużjoni tal-perit legali li tgħid li l-ammont ta' danni likwidat favur l-intimat kellu jitnaqqas mill-ammont li l-atturi kellhom jitħallsu mingħandu. Imma l-likwidazzjoni tad-danni pretiżi mill-intimat appellat kellha – kif fil-fatt sar – issir fil-kawża li fetaħ hu kontra l-awtur tal-atturi appellanti. F'din il-kawża ma kinitx saret azzjoni rikonvenzjonali u għalhekk ma kien hemm

[17] Ara l-§ 79 tar-Relazzjoni tal-Perit Legali f'paġ. 381 tal-proċess

l-ebda raġuni tajba li għaliha messu sar tali tnaqqis fl-ammont mitlub mill-atturi f'din il-kawża wkoll;

28. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra tilqa' dan l-aggravju tal-atturi appellanti;

29. Illi fit-**tieni aggravju** tagħhom, l-atturi appellanti jilmintaw li l-ewwel Qorti akkordat il-ħlas ta' mgħaxijiet minn dakinhar tas-sentenza appellata. Huma jgħidu li t-talba waħdanija fl-Att taċ-Ċitazzjoni kienet għall-ħlas ta' somma ċerta u msemmija. Jgħidu għalhekk li l-ewwel Qorti ma kinitx qalet sewwa li s-somma kienet waħda li kellha tkun likwidata. Dwar dan, jirreferu għall-fehma tal-perit legali li qal li l-imgħax messu beda għaddej minn dakinhar tal-konsenja ta' kull waħda mill-partiti tal-ġwież, u jilmintaw mill-fatt li l-ewwel Qorti ma qagħditx fuq il-fehma tal-perit maħtur minnha stess u qalet li l-imgħax kellu jibda għaddej minn dakinhar tas-sentenza. Huma jtemmu billi jgħidu li, fil-qafas tal-kawżi li kien hemm bejn il-partijiet, jgħodd dak li tgħid il-liġi fl-artikolu 1047(2) tal-Kodiċi Ċivili billi jixlu lill-intimat appellat li ċaħħad lill-awtur tagħhom mill-ħlas mistħoqq billi b'ħażen u b'malafama għall-ġieħ tiegħu, ħalaq l-istorja tad-danni mġarrba;

30. Illi għal dan l-aggravju, l-intimat appellat jgħid li mhuwiex mistħoqq. Fl-ewwel lok, jgħid dan għaliex huwa għadu jisħaq li ma

għandu jħallas xejn lill-appellanti, u għalhekk l-ebda mgħax ma huwa dovut. Fit-tieni lok, ukoll fil-każ li din il-Qorti ssib li huwa għad fadallu xi bilanċ x'iħallas, l-ewwel Qorti għamlet sewwa li ordnat li l-imgħaxijiet kellhom jibdew għaddejjin minn dakinhar tas-sentenza appellata. B'mod partikolari, huwa jirreferi għar-rimarka li l-ewwel Qorti għamlet li bosta miż-żmien li ttieħed sakemm din il-kawża nqatgħet kienu jaħtu għalih l-atturi appellanti. Isemmi wkoll li, għall-kuntrarju ta' dak li jgħidu l-atturi appellanti, is-somma kellha tkun likwidata u ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex ma messhiex tħaddmet – kif fil-fatt tħaddmet – ir-regola li *in illiquidis non fit mora*;

31. Illi l-Qorti hija tal-fehma li s-soluzzjoni xierqa ta' dan l-aggravju tintlaħaq biss jekk wieħed iżomm quddiem għajnejh li din il-kawża kienet qiegħda tinstema' ma' żewġ kawżi oħrajn bejn l-istess partijiet, b'waħda minnhom miftuħa mill-intimat appellat innifsu sewwasew bħala azzjoni ta' danni kuntrattwali marbuta mal-ġwież u l-konċentrat mibjugħ u konsenjat li l-ħlas tal-prezz tiegħu kien mitlub f'din il-kawża. Jekk wieħed kellu jieħu din il-kawża maqtugħa għaliha miż-żewġ kawżi l-oħrajn, din il-Qorti ma kien ikollha l-ebda dubju li l-aggravju kien ikun mistħoqq. Dan qiegħed jingħad għaliex, fl-ewwel lok, it-talba attriċi tirreferi għal somma determinata. Fit-tieni lok, fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti stqarret li kienet taqbel perfettament mal-fehmiet tal-perit legali minnha maħtur – u dak il-perit kien wera l-fehma li l-imgħax kellu

jgħaddi minn Frar tal-1970. Fit-tielet lok, l-ewwel Qorti sabet li n-negozju bejn il-partijiet kien wieħed kummerċjali u d-dejn maħluq kien debitu kummerċjali[18]. Fir-raba' lok, għaliex l-intimat appellat ma kien għadda qatt biex iddepożita s-somma mitluba (jew dik minnha li ma kienx qed jikkontesta) taħt l-awtorità tal-Qorti biex jeżimi ruħu mid-dekorrenza tal-imgħax;

32. Illi, madankollu, l-fatt li b'degrieti li ngħataw mill-ewwel Qorti fil-11 ta' Jannar, 1972[19], u fis-17 ta' Mejju, 1973[20], issemma li l-eżitu ta' din il-kawża kien jiddependi minn dak f'kawża bejn l-istess partijiet f'ismijiet inversi[21] (liema ċirkostanza l-partijiet ivverbalizżawha espressament fis-seduta miżmuma mill-perit legali fit-8 ta' Lulju, 2010) u fejn saħansitra fil-każ tat-tieni degriet din il-kawża kienet tħalliet *sine die* sakemm tinqata' l-oħra[22], iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan jinġiebu fix-xejn. B'dak id-degriet, il-kwestjoni tal-ammont li seta' kien dovut lill-awtur tal-atturi appellanti ntrabtet mal-kwestjoni dwar jekk kienx hemm danni mġarrba mill-intimat (attur fil-kawża l-oħra) u kemm kien l-ammont likwidabbli tad-danni. Jidher ukoll li l-imsemmi degriet neħħa kull dubju li, kieku kien hemm xi danni dovuti lill-intimat, dawn kellhom jitpaċew mas-somma mitluba f'din il-kawża;

[18] Art. 1141(1) tal-Kap 16
[19] Paġ. 73 tal-proċess
[20] Paġ. 87 tal-proċess
[21] Riferenza għall-kawża Ċitazz. Nru. 994/71
[22] Kemm hu hekk, b'degriet li ngħata fit-30 ta' April, 1980 (paġ. 91 tal-proċess) din il-kawża ntbagħtet quddiem Qorti oħra li kienet qiegħda tisma' l-kawża fl-ismijiet inversi, 994/71

33. Illi fid-dawl ta' din il-fehma tagħha, din il-Qorti ssib li l-aggravju tal-atturi appellanti ma huwiex mistħoqq u tqis li, ladarba l-kwestjoni tad-danni reklamati mill-intimat appellat (attur fil-kawża mibdija minnu) kienet riżolta biss dakinhar li ngħataw flimkien is-sentenzi fit-tliet kawżi konnessi, dan iġib l-effett li s-somma mitluba mill-atturi appellanti kienet "likwidata" biss dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata u għalhekk l-ewwel Qorti għamlet sewwa li ordnat li l-imgħaxijiet kellhom jibdew jgħaddu minn dakinhar. Dan jingħad lil hinn mis-sottomissjoni tal-intimat appellat li jitkellmu dwar id-dewmien maħluq mill-atturi nfushom fit-tmexxija 'l quddiem tal-kawża;

34. Illi ladarba din il-Qorti qiegħda ssib li t-tieni aggravju tal-appellanti mhuwiex tajjeb, ma jidhrilhiex li għandha tidħol fil-kwestjoni ta' dik il-parti tal-istess aggravju li fiha l-atturi appellanti jitolbu 'l-Qorti biex tqis jekk għandhiex tħaddem id-diskrezzjoni tagħha u tapplika kontra l-intimat appellat id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1047(2) tal-Kodiċi Ċivili. Il-fatt li l-appellat baqa' (u għadu) jisħaq fuq it-tiġrib tad-danni minħabba l-ġwież u l-konċentrat li l-awtur tal-atturi kien begħelu, ma jġibx b'daqshekk li kien qarrieq f'imġiebtu jew li qagħad jikkontesta l-kawża fuq pretest fieragħ. Is-sentenza fil-kawża mibdija minnu jidher li sostniet, sa ċertu punt, il-pretensjonijiet tiegħu;

35. Illi għalhekk, il-Qorti sejra tiċħad it-tieni aggravju tal-atturi appellanti;

36. Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis l-**aggravji fil-mertu tal-intimat appellat fl-appell inċidentali tiegħu** u li jikkonsistu fi tliet (3) aggravji: (i) l-ewwel wieħed jirrigwarda l-eċċezzjoni ulterjuri (jiġifieri, dik li tgħid li l-ġwież u l-konċentrat mibjugħ u supplit ma kinux tal-kwalità miftehma, u li għalhekk ma kien hemm xejn x'jitħallas lill-atturi appellanti); (ii) t-tieni wieħed jirrigwarda l-kwestjoni tal-likwidazzjoni tad-danni favur l-intimat appellat; u (iii) filwaqt li t-tielet wieħed jirrigwarda l-mod kif l-ewwel Qorti ordnat il-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża;

37. Illi bl-**ewwel aggravju** l-intimat jisħaq li l-awtur tal-atturi appellanti kien jaf, saħansitra minn żmien qabel fetaħ din il-kawża, li l-ġwież u l-konċentrat li biegħelu ma kinux tajbin għall-għan li kien maħsub. Huwa jtenni li n-nuqqasijiet ħarġu fid-dieher meta waslu r-riżultati tal-laboratorji li eżaminaw il-kampjuni li kienu ntbagħtulhom tal-istess ġwież. Jgħid ukoll li l-attur Ignazio Gatt waħdu jaħti għal tali nuqqasijiet billi kien hu li ħallat dak il-ġwież u dak il-konċentrat u xehed f'dan is-sens ukoll. L-intimat jissottometti li ntwera li kien hemm mal-ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) anqas proteina fil-ġwież li jirrendi l-ħaġa mibjugħa lilu għal kollox mhux tal-kwalità miftehma;

38. Illi fil-qafas ta' dawn iċ-ċirkostanzi, l-intimat jgħid li b'dan il-mod inħalqet ċirkostanza li biha l-bejgħ ma baqax jgħodd u seta' jitħassar b'mod li ma kellu jitħallas xejn mill-prezz mitlub fiċ-Ċitazzjoni;

39. Illi dan l-aggravju jintrabat mal-eċċezzjoni mqajma mill-intimat dwar is-siwi tas-sentenza appellata. Għar-raġunijiet li ssemmew qabel f'din is-sentenza[23], din il-Qorti sabet li ma kienx minnu li l-ewwel Qorti naqset li tqis l-eċċezzjoni ulterjuri tal-intimat. Madankollu, b'mod sussidjarju għall-imsemmi aggravju, dan l-aggravju tal-intimat jolqot aspett legali rilevanti marbut mal-kuntratt li bis-saħħa tiegħu l-awtur tal-atturi appellanti kien fetaħ din il-kawża – il-bejgħ u konsenja ta' ġwież u konċentrat u l-ħlas tal-bilanċ ta' prezz ta' tali konsenji;

40. Illi f'dan l-aggravju, l-intimat appellat iqis li n-nuqqasijiet li kien fihom il-ġwież u l-konċentrat mibjugħin lilu ġabuhom bħala prodotti li ma kinux tal-kwalità miftehma. Madankollu, meta mbagħad ifisser l-aggravju f'aktar dettal, jibda jsemmi r-riżoluzzjoni tal-kuntratt (ta' bejgħ) minħabba vizzji redibitorji li ma setgħux jidhru mad-daqqa t'għajn fil-waqt tal-konsenja. Il-Qorti jidhrilha li jekk l-aggravju jinftiehem b'dan il-mod, ma huwiex tajjeb. Dan jingħad għaliex, ilu żmien twil stabbilit li l-kwestjoni tal-kwalità tal-ħaġa mibjugħa meta mqabbla ma' dak miftiehem u l-kwestjoni tan-nuqqasijiet jew vizzji redibitorji huma żewġ

[23] §§ 15 sa 23, *supra*

kunċetti maqtugħa minn xulxin u jridu jitqiesu għal rashom b'mod alternattiv[24];

41. Illi huwa stabbilit li kawża għal tħassir ta' kuntratt (ta' xiri-u-bejgħ) minħabba vizzju tal-kunsens jew fil-ħaġa mibjugħa, jew minħabba qerq jew frodi (art. 1212, 1424, jew 1440 tal-Kap. 16) hija msejsa fuq basi għal kollox differenti minn kawża mnissla minn bejgħ ta' ħaġa li jingħad li ma tkunx tal-kwalità miftehma (art. 1390 tal-Kap 16). Dan jidher mhux biss mir-rimedju differenti mogħti mil-liġi fil-każ il-wieħed u l-ieħor, iżda, wisq iżjed sinjifikativament, mill-għamla u l-grad ta' provi meħtieġa biex wieħed isostni l-azzjoni l-waħda jew l-oħra[25]. Daqstant ieħor, il-qrati għarfu l-effetti u d-differenzi bejn azzjoni mibdija taħt l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili u oħra mibdija taħt l-artikolu 1242 tal-istess Kodiċi[26];

42. Illi l-Qorti tinnota li l-kwestjoni tal-kwalità tal-ġwież u tal-konċentrat imqajma mill-intimat-xerrej f'din il-kawża tqajmet biss wara li kienet saret il-konsenja u wara li l-ġwież u l-konċentrat kienu ntużaw mill-istess intimat-xerrej biex jagħlef bihom. Fir-rikors tal-appell inċidentali tiegħu, huwa jgħid li ma kienx possibbli għalih li jirrifjuta l-konsenji minn qabel għaliex wieħed ma setax jara n-nuqqas fil-ġwież u l-konċentrat mad-

---

[24] App. Ċiv. **16.2.1945** fil-kawża fl-ismijiet ***Buttiġieġ vs Hirst noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.163**) u App. Ċiv. **15.12.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Rizzo noe vs Żammit*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.944**) fost bosta oħrajn

[25] Ara, per eżempju, App. Ċiv.**4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar Aveta noe vs Gatt*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1274**)

[26] App. Ċiv. **15.12.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Rizzo noe vs Żammit*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.944**)

daqqa t'għajn u n-nuqqas ħareġ biss wara li ntgħalef lit-tiġieġ u kien kunsmat;

43. Illi huwa sewwasew minħabba f'dawn iċ-ċirkostanzi li l-aggravju tal-intimat ma jistax jitqies tajjeb. Minbarra l-kwestjoni jekk dak l-aggravju jiswiex f'kawża bħal din, fejn l-intimat-xerrej ma ressaq l-ebda talba rikonvenzjonali għar-riżoluzzjoni tal-bejgħ (u mhux biss eċċezzjoni[27]) għall-azzjoni tal-ħlas tal-prezz tal-ħaġa mibjugħa, il-fatt li huwa ma irrifjutax il-ġwież u l-konċentrat jew li mqar naqas li jroddhom lura lil min biegħhomlu, jwaqqa' s-siwi tal-ilment tiegħu u wkoll tal-aggravju mqajjem minnu[28]. F'dan ir-rigward, il-Qorti żżid tgħid li biex tirnexxi l-eċċezzjoni li l-ħaġa mibjugħa kienet tabilħaqq mhix tal-kwalità miftehma, il-ħaġa mibjugħa riedet tkun sostanzjalment diversa minn dik kuntrattata b'mod li l-kwalità tal-oġġett konsenjat kienet għal kollox diversa mill-ħaġa miftehma fil-bejgħ u ma tikkorrispondix għall-ġeneru tal-oġġett kuntrattat b'mod li l-konsenja tista' titqies ta' ħaġa "*aliud pro alio*"[29]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, bl-ebda mod ma ntwera li l-ġwież u l-konċentrat mibjugħ u konsenjat lill-intimat-xerrej kien jaqa' f'din il-kategorija ta' diverġenza sostanzjali tal-ħaġa miftehma

---

27 Għalkemm il-kwestjoni tal-kwalità tal-ħaġa mibjugħa tista' titqajjem '*per via di eccezione*' wkoll (Ara App. Inf. PS **20.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Apex Interiors Ltd vs Martin Camilleri***)

28 Ara App. Ċiv. **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno sive Ronnie Cauchi et vs Joseph Baldacchino et noe*** (mhix pubblikata), P.A. PS **16.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Piscopo vs Charles Filletti et*** (mhix appellata), App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***L & D Attard Co. Ltd. vs Eurometal Co. Ltd.*** u App. Ċiv. **28.2.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Spiteri Sacco et vs Tiles & Marble Manufacturing Co. Ltd.*** fost oħrajn

29 App. Ċiv. **27.5.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Grima*** (Kollez. Vol: **XLI.i.341**)

u mibjugħa, u dan joħroġ kemm mill-provi mressqa u kif ukoll mill-fehmiet tal-periti kollha mqabbda mill-ewwel Qorti. F'dan ir-rigward, il-Qorti ssemmi r-rapport tal-ewwel espert tekniku[30] li jagħmilha ċara li l-konċentrat ma kellux il-kwantità ta' protejina ordnata, imma mkien ma jgħid li ma kienx tal-kwalità miftehma;

44. Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiċħad dan l-aggravju tal-intimat appellat;

45. Illi fit-**tieni aggravju** tiegħu mis-sentenza appellata, l-intimat jilmenta mil-likwidazzjoni tad-danni magħmula mill-ewwel Qorti. Huwa jqis li s-somma likwidata ma kinitx tqis sewwa d-dannu kollu minnu mġarrab u messha kienet somma ogħla. B'mod partikolari huwa jilmenta li l-ewwel Qorti warrbet għal kollox id-danni pretiżi minnu dwar l-imwiet tal-majjali minħabba li ntgħalfu l-ġwież mertu tal-każ u kif ukoll jilmenta li l-perċentwali tad-dannu fiċ-ċifra ta' għaxra fil-mija (10%) kienet baxxa wisq;

46. Illi l-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju ma kienx postu f'din il-kawża, imma f'dik tad-danni li l-intimat innifsu fetaħ kontra l-atturi appellanti[31], li s-sentenza dwarha qiegħda tingħata llum ukoll. Biex ma toqgħodx ittenni ħafna kunsiderazzjonijiet għal xejn, il-Qorti tirreferi għal dawk

[30] Dok "VG1", f'paġ. 384 tal-proċess
[31] Ċitazz. Nru. 994/71

magħmulin minnha f'dik is-sentenza u tiddisponi minn dan l-aggravju kif hemm jingħad;

47. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti mhijiex qiegħda tilqa' dan l-aggravju;

48. Illi jifdal li l-Qorti tqis it-**tielet aggravju** tal-intimat appellat. Dan l-aggravju jirrigwarda l-ispejjeż tal-kawża. Huwa jgħid li minkejja li l-ewwel Qorti laqgħet f'biċċa minnha l-eċċezzjoni tiegħu u naqqset mis-somma pretiża mill-atturi appellanti, xorta waħda għabbietu bil-kap tal-ispejjeż kollu u messha qasmet l-ispejjeż tal-kawża bejn il-partijiet, ukoll meta wieħed iqis il-fatt li l-kawża twalet minħabba l-imġiba tal-atturi appellanti nfushom;

49. Illi din il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-aggravju. Jibda biex jingħad li l-ewwel Qorti laqgħet għal kollox it-talba tal-atturi appellanti għaliex sabet li s-somma mitluba fl-Att taċ-Ċitazzjoni kienet għadha dovuta kollha. Kulma għamlet l-ewwel Qorti kien li naqqset mill-imsemmija somma l-ammont ta' danni likwidati favur l-intimat-xerrej taħt il-kawża tad-danni li hu kien fetaħ kontra l-attur. Din il-Qorti diġà[32] sabet li dak it-tnaqqis ma messux sar fis-sentenza mogħtija f'din il-kawża, imma f'dik tad-danni fejn l-intimat kien l-attur. Għalhekk, l-aggravju tal-intimat ma jreġix. L-intimat ma ta l-ebda raġuni oħra tajba biex din il-Qorti ssib li l-

[32] §§ 25 sa 28 *supra*

atturi appellanti kellhom jerfgħu parti mill-ispejjeż tal-kawża: il-fatt li l-atturi jistgħu jaħtu għad-dewmien biex din il-kawża tasal fi tmiemha mhuwiex raġuni tajba biex din il-Qorti tvarja l-kap tal-ispejjeż kif maqtugħ mill-ewwel Qorti;

50. Illi għal din ir-raġuni l-aggravju mhux sejjer jintlaqa';

***Decide:***

51. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza** mqajma mill-intimat appellat;

**Tilqa' l-ewwel aggravju** tal-atturi appellanti;

**Tiċħad it-tieni aggravju** tal-atturi appellanti;

**Tiċħad l-aggravji kollha tal-intimat appellat fl-Appell Inċidentali tiegħu**;

**Tirriforma** s-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Novembru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi tikkundanna lill-intimat iħallas lill-atturi s-somma ta' tmienja u għoxrin elf tliet mija u tlieta u erbgħin euro u sitta u erbgħin ċenteżmi (€ 28,343.46) bħala bilanċ tal-prezz ta' diversi konsenji ta' ġwież u konċentrat lilu mibjugħa u konsenjati, bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-13 ta' Novembru, 2013, sal-jum tal-ħlas effettiv, u tikkonfermaha mill-bqija; u

**Tordna** li kull parti tħallas l-**ispejjeż** tagħha f'din l-istanza, filwaqt li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif determinati mill-ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr